## IL-PESTA TAT-TIĠIEĠ

F'MALTA u Għawdex hawn imxija qalila tal-*pesta tat-tiġieġ* u kuljum jaslu rapporti fid-Dipartiment tal-Biedja fuq il-kwantità ta' flieles li qed imutu b'dil-marda. Din il-marda hija ikkaġunata minn mikrobu li għadu ma nsabx bil-għajn taħt il-mikroskopju u ma hemm l-ebda tagħrif sewwa fuqu. Biex wieħed irażżan din il-marda jiħtieġ li jrabbi skond is-sengħa u b'hekk it-tjur jikbru b'saħħithom li jkunu jistgħu jifilħu għall-marda. Fl istess ħin għandna nżommu l-akbar indafa u nużaw mezzi sanitarji.

Il-gall'nari jew kmamar tat-tiġieġ għandhom jinżammu ndaf. L-armar kollu ta' ġewwa l-gallinari jew kmamar tat-tiġ'eġ, lasti, passiġġieri, injam ieħor, bwieqi u ħwat għandhom jitneħħew mill-gallinari jew kmamar tat-tiġieġ, jinbarxu u jitnaddfu minn kull ħmieġ u trab. Wara li jitnaddfu u jinħaslu għandhom jiddisinfettaw ruħhom sewwa minn kull banda b'disinfettant qawwi. B'hekk il-mikrobi li jistgħu jkunu moħbija ġo dan l-armar jinqerdu. Il-gallinar jew kamra tat-tiġieġ għandhom jinbarxu u jinkinsu mill-ħmieġ, mit-trab, mis-sliħ u mit-tiben jew mifrex. Is-saqaf, ħitan u paviment għandhom jitgħaddew bil-broxk sewwa; kull tieqa tal-ħġieġ għandha tinħasel minn ġewwa u minn barra.

'ddisinfetta kullimkien b'taħlita qawwija. Wieħed jieħu ħsieb sab'ex id-disinfettant jidħol fix-xquq kollha. Jekk il-gallinar jew kamra tat-tiġ'eġ jitbajdu, ħallat xi ftit disinfettant qawwi mal-ħalib tal-ġir. Wieħed għandu juża ġir imtoffi frisk.

La ddaħħalx tjur ġodda ma' dawk li għandek fil-gallinar jew kamra tat-tiġieġ. La tħallix nies jidħlu fil-post tat-tiġieġ. Huma jistgħu, b'la ma jafu, idaħħlu l-marda mat-tajn jew mal-ħamrija li jġorru ma' saqajhom.

L-imxija ta' din il-marda qiegħda tikkaġuna l-mewt ta' numru kbir ta' tjur. Din tittieħed ħafna u f'daqqa waħda. Il-bdiewa qegħdin jinqerdulhom ħafna tjur. Żommu l-akbar indafa fl-ilma tax-xorb. Mill-ħwat jew bwieqi tax-xorb it-tiġ'eġ dlonk jitniġġsu b'din il-marda. Dawn għandhom jitnaddfu sewwa kull darba li jarġgħu jimtlew bl-ilma ġdid. Għalhekk għandhom jinsamtu ta' spiss.

Jekk inti toqgħod dejjem attent għall-indafa, inti tista' ssalva t-tiġieġ tiegħek kollha.

Biex trażżan il-marda neħħi t-tjur morda minnufih. Oqtol it-tjur morda u aħraqhom.

Bħala disinfettant uża l-"Cresol" (daqs kikkra f'gallun ilma). Fl-ilma li minnu jixorbu t-tiġieġ tajjeb jekk tixħet xi ftit qtar tal-permanganat.

Manġiġ tajjeb u tjur b'saħħithom u fuq ruħhom huma żewġ ħwejjeġ li bihom il-marda ma jkollhiex forza tirkeb it-tiġieġ tiegħek. Il-prekawzjoni hija l-aktar kura tajba biex trażżan it-tixrid ta' l-imxija tal-marda.

---

## AĦBARIJIET TAL-BIEDJA F'ARTIJIET OĦRA

*(C. Zammit-Marmarà, M.B.E.)*

Il-Ministru tal-Biedja ta' l-Affrika t'Isfel ġie mistoqsi jekk huwiex lest biex jinkoraġġixxi illi bdiewa jemigraw għal ħomm minn pajjiżi oħra. Il-Ministru wieġeb illi ma tistax tittieħed deċiżjoni qabel ma l-Gvern ta' dak il-pajjiż ikun wettaq il-programm tiegħu biex jirrikostitwixxi l-Industrija tal-Biedja fl-Affrika t'Isfel.

* * *

Il-prezz tas-Suf fl-Irlanda huwa orħos mis-sena l-oħra. Mill-ewwel ta' Frar il-prezz kien ta' minn 1s.10d. sa 2s.4d. il-libbra.

* * *

Lord Rowallan, li ġie magħżul bħala kap ta' li Scouts (Chief Scout) hu magħruf bħala bidwi li kien irabbi l-baqar ta' Ayrshire, u wieħed milli kien jieħu sehem qawwi f'ħafna ħidmiet tal-Biedja.

## IL-WIRJA TA' L-IMNARJA

Infakkru lill-Bdiewa li din is-sena sejra ssir bħas-soltu l-wirja ta' l-Imnarja fil-Buskett. Billi din hi l-ewwel darba mindu bdiet il-gwerra 'l hawn li sejra ssir din il-Wirja mingħajr biża' ta' attakki mill-ajru, hu mistenni li tkun Wirja mis-sbieħ.

Dawk kollha li jridu jagħtu xi tazzi jew premji oħra, jew b'xi mod jgħinu lis-Soċjetà Agrarja biex din il-Wirja tirnexxi, għandhom jikkumnikaw mas-Segretarju, in-Nutar R. Frendo Randon, 222, Trieq il-Merkanti, Il-Belt.

Is-"Società Agraria" li għalqet mitt sena s-sena l-oħra, jistħoqqilha kull inkoraġġiment. Għinuha!

---

## TQASSIM TAL-ĠWIEŻ BIL-KUPUNI

### DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

**RAZZJON: MEJJU-LULJU 1945**

| Sehem | Siwi kull kupun | Lewn |
|---|---|---|
| BHEJJEM: | | |
| Majjali: | | |
| Kupun, Smida, ir-ras: | 40 ratal | Isfar. |
| Bhejjem ta' l-Ifrat: | | |
| 4 kupuni. Qxura, ir-ras: | 50 ratal | Salamun. |
| TJUR U FNIEK: | | |
| Bdiewa—Malta. | | |
| Kupun Nru. 6: | | |
| Taħlita ta' Qxura u Ħalib: | 25 ratal | Salamun. |
| Kupun Nru. 7, Xgħir: | 20 ratal | Salamun. |
| Bdiewa—Għawdex. | | |
| Kupun Nru. 7: | | |
| Taħlita ta' Qxura u Ħalib: | 25 ratal | Salamun. |
| Kupun Nru. 8, Xgħir: | 10 rtal | Salamun. |
| Qamħ Imfarrak: | 10 rtal | Salamun. |
| Mhux Bdiewa. | | |
| Malta: Kupun Nru. 6, Ful: | 10 rtal | Isfar. |
| Xgħir: | 20 ratal | Isfar. |
| Għawdex: Kupun Nru. 7, Xgħir: | 20 ratal | Isfar. |
| Ful: | 10 rtal | Isfar. |

Kull kupun irid ikun fih l-inizjali tad-Direttur tal-Biedja.

Razzjonijiet ta' ġwież ieħor barra minn dawk imsemmijin hawn fuq jitqassmu bil-Biljetti tar-Razzjon tas-soltu.

Il-biljetti u l-kupuni tar-razzjon jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tar-"Rationing Officer".

Il-biljetti u l-kupuni tar-razzjon jistgħu jissarrfu għand kull neguzjant jew bejjiegħ tal-ġwież li jkollu l-permess ibigħ.

**Kemm idumu jiswew il-Biljetti u l-Kupuni:** Biljetti tar-Razzjon sas 7 ta' Lulju 1945. Kupuni tar-Razzjon sat-28 ta' Lulju 1945.

**Prezzijiet f'Malta:** Smida 10s. 6d. il-xkora; Taħlita ta' Qxura u Ħalib 10s. il-xkora; Qxura 4s. 11d.; Xgħir 2s. 10½d. il-wiżna; Ful 3s. 7d. il-wiżna.

**Prezzijiet f'Għawdex:** Smida 10s. 11d. il-xkora; Taħlita ta' Qxura u Ħalib 10s. 3d. il-xkora; Qxura 5s. 3d; Xgħir 2s. 11d. il wiżna; Ful 3s. 8½d. ilwiżna.

**N. B.** — Billi issa l-ħażna ta' smida tjiebet, il-Gvern jista' jqassam razzjon ta' 40 ratal smida għat-tjur u fniek għal min mhux bidwi. Din ir-razzjon tista' tittieħed, f'Malta, bil Kupun Nru. 7 (Isfar), u f'Għawdex, bil-Kupun Nru. 8 (Isfar), mis-7 ta' Ġunju sal-14 ta' Lulju, 1945.